MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2361/2002

***Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra***

***Vs***

***Rosaline Xuereb***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm25.42c) rappresentanti kwantu ghal Lm22.10 Royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 011462 (Dokument A, anness ma' l-avviz), rilaxxjata mill-istabbiliment *"Looking Ahead Hair & Beauty Centre",* u Lm3.32 Taxxa Fuq il-Valur

Mizjud, ghall-perijodu mis-6 ta’ April 2002 sal-5 ta’ April 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-30 ta’ Gunju 2002 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta’ l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Josette Attard ghan-nom tas-socjeta’ attrici nomine, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ hames u ghoxrin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm25.42c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**